MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## VALENZIA GEOFFREY

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2002

Rikors Numru. 1050/2000/1

**Yumei Zhang**
**Vs**
**Tabib Principali tal-Gvern**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat lir-rikors li permezz tieghu l-esponenti ssottomettiet illi hija giet notifikata b'ittra ufficjali datata 3 ta' Novembru, 1999, li permezz taghha l-intimat qieghed jesigi l-hlas ta' elfejn u sebghin Lira Maltija (Lm2,070) dovuta lilu ghal kura u servigi mghotija lilha mit-22 ta' Novembru, 1998 sal-14 ta' Dicembru, 1998 (ara Dok. A).

Illi l-esponenti qeghda tipprevalixxi ruhha mill-beneficcju lilha moghti permezz tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u trid li topponi l-imsemmija talba ghas-segwenti ragunijiet u cioe' :

1. Illi fl-ewwel lok l-imsemmija ittra ufficjali ma' ottjeniet ebda effett fil-Ligi peress li kunjomha mhux "Shang" izda "Graham Zhang" stante li izzewget persuna ta' nazzjonalita' Maltija u kwindi ma' akkwistat ebda effikacja legali di fronte tal-istess esponenti;

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost, fil-meritu l-esponenti mhux obbligata li teffettwa dan il-hlas, ghax kif okkorrendo ser tipprova jekk ikun il-kaz, hi kienet tippossjedi il-kwalitajiet legali kollha fil-Ligi sabiex jezentawha mill-hlas inkwistjoni;

Ghaldaqstant l-esponenti ghar-ragunijiet fuq imsemmija talbet lil din il-Qorti joghgobha tiddikjara t-talba tal-intimat bhala wahda nfondata.

Rat ir-risposta ta' l-intimat fejn qal li mir-*records* dipartimentali jirrizulta illi r-rikorrenti kienet hadet servigi u trattament fl-Isptar San Luqa fil-perjodu mit-22 ta' Novembru sa l-14 ta' Dicembru, 1998.

Illi minkejja diversi ittri fejn gie mitlub illi r-rikorrenti tipprezenta evidenza illi l-istess qed thallas il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Socjali ai termini ta' l-Avviz Legali 147 ta' l-1989, l-intimat ma kellu ebda risposta u ghalhekk inbdew proceduri sabiex tingabar is-somma ta' elfejn u sebghin Lira Maltija (Lm 2,070).

Ghaldaqstant l-intimat in vista tal-premess umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghogobha tiddikjara lir-rikorrenti debitrici ta' l-intimat u tordna l-hlas tas-somma fuq imsemmija bl-ispejjez,

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Semghet lir-rikorrenti bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

## KONSIDERAZZJONIJIET

Ir-rikorrenti qed issostni li l-ittra ufficjali ma ottjeniet ebda effett fil-Ligi peress illi l-kunjom taghha mhux Shang izda Graham Zhang stante li zzewget persuna ta’ Nazzjonalita’ Maltija.

Illi jirrizulta mic-certifikat ezibit li isem u kunjom ir-rikorrenti ‘llum hu Yumei Zhang. Hi zzeweget fl-14 ta’ Dicembru, 1999 u ziedet il-kunjom tar-ragel mal-kunjom taghha. Ir-rikorrenti hadet il-kunjom “Graham” wkoll wara li kienet marret l-isptar.

L-intimat kien l-ewwel hareg l-ittra ufficjali f’Novembru, 1999 (qabel izzewget) u giet korreggjuta ghal Frar 2000. L-ittra ufficjali harget f’isem Yumei Shang.

Ir-rikorrent qed tissottometti li kunjomha mhux Shang imma Zhang.

Issa jidher ovvju li dan hu zball ta’ ortografija u ma hemm ebda dubbju jew zball dwar l-identifikjazzjoni tal-persuna li kontra taghha inharget l-ittra ufficjali. Tant hu hekk li r-rikorrenti rceviet dina l-ittra ufficjali u rrispondiet u mxiet bil-prezenti proceduri. Dan l-izbal bl-ebda mod ma jeffettwa is-sustanza ta’ l-azzjoni. Ghalhekk il-kontestazzjoni taghha mhiex gustifikata.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-ittra ufficjali ghanhda effett legali di fronti tar-rikorrenti.

## DECIZJONI

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tichad t-talba tar-rikorrenti biex dina l-Qorti tiddikjara li l-ittra ufficjali m’ghandha ebda effett fil-konfront taghha.
Bl-ispejjez ghar-rikorrenti.

Ir-rikors jibqa' differit ghas-7 ta' Frar, 2003 fl-9.45 ghall-provi fil-mertu.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**